MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 132/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Annalisa Micallef**

**ID0520993-M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, sitta u hamsin ewro, tnejn u disghin centezmu (€556.92c) in konnessjoni ma' 79491543 (AC40188306), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 5 ta' Dicembru, 2011. Illi l-ammonti fuq imsemmija jinkludu l-penalitajiet ghat-

terminazzjoni anticipata tal-kuntratt fl-ammont ta' mija disgha u sittin ewro (€169) skont Dokument 'B' anness.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1833/13 u bl-imghaxijiet mill-1 ta' Awwissu, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota tas-Socjeta' attrici, datata 21 ta' Novembru, 2014 li permezz taghha cediet is-sorte, stante pagament, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi ghalkemm il-konvenuta ddikjarat illi kienet ser tikkontesta din il-kawza, u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-4 t' April, 2014, madanakollu, l-istess konvenuta naqset milli tipprezenta risposta. Anzi, mhux talli l-azzjoni ma gietx ikkontestata mill-konvenuta, izda fil-mori tad-differimenti li nghataw f'din il-kawza, l-istess konvenuta ghaddiet sabiex wettqet hlas tas-sorte dovut lis-Socjeta' attrici, tant illi s-Socjeta' attrici pprezenta nota li permezz taghha cediet is-sorte, stante illi l-konvenuta wettqet il-hlas tal-ammont kollu dovut minnu. Illi ghalhekk kien fadal biss

pendenti l-ispejjez tal-kawza, u minkejja illi l-konvenuta nghatat zmien sabiex twettaq il-hlas ta' dawn l-ispejjez, naqset milli taghmel dan.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-Socjeta' attrici, jordna lill-konvenuta li thallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------